MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 590/2005

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita`**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sahha u b'digriet tat-3 t'Awwissu, 2005 gew kjamata fil-kawza Mary Grixti Soler, Nathalie Galea Medati, Sister Rebecca Grech, Sister Clotilde Schiavone u Andrew Pullicino**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tal-Kummissjoni rikorrenti datat il-21 ta' Gunju, 2005, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi in esekuzzjoni tal-poteri lilha moghtija mill-Kap 413 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissjoni rikorrenti

bdiet tinvestiga ilment dwar nuqqas t'access ghall-persuni bi problemi ta' mobilita` ghac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

1.2 Illi moghnija bl-istess fakulta, il-Kummissjoni *de quo* bdiet ukoll tinvestiga ilment iehor dwar nuqqas ta' facilitajiet sanitarji adegwati ghall-persuni b'dizabilita` fl-*Outpatients Department* u fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-isptar San Luqa;

1.3 Illi rigward l-ewwel ilment fuq riferit, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), id-diskussjonijiet u korrispondenza fir-rigward ilhom ghaddejjin minn Lulju, 2001, u fir-rigward tat-tieni ilment, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2), ilhom ghaddejjin addirittura minn April, 2000;

1.4 Illi fl-20 ta' Jannar, 2003, il-Kummissjoni rikorrenti ipprezentat protest gudizzjarju fejn interpellat lill-intimat Direttur Generali tas-Sahha biex jiehu l-passi kollha necessarji biex ic-Centru tas-Sahha *de quo* jigi rez accessibbli;

1.5 Illi *di piu`*, ghadhom ghaddejjin trattattivi rigward l-Isptar San Luqa;

1.6 Illi minkejja l-weghdiet maghmula u assikurazzjonijiet moghtija li l-vertenzi odjerni kienu ser jigu rimedjati, ma sar assolutament xejn fir-rigward taz-zewg lokalitajiet fuq indikati, (ara paragrafi wiehed punt wiehed (1.1), u wiehed punt tnejn, (1.2), aktar qabel);

1.7 Illi l-Kummissjoni rikorrenti ipprezentat protest gudizzjarju ulterjuri fl-14 t'April, 2005, fejn regghet irribadiet l-ilment taghha hawn in dizamina, u li ghalih lanqas biss irceviet risposta;

1.8 Illi l-Kummissjoni rikorrent, bil-ghan li jigu evitati proceduri gudizzjarji, kienet ukoll ipproponiet li l-vertenza tigi rizolta permezz t'arbitragg, izda l-proposta giet rifjutata;

1.9 Illi l-ilmenti surriferiti jirreferu ghall-fatti li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-konfront ta’ persuni b’dizabilita` *ai termini* tal-artiklu 12 tal-Kap 413 fuq riferit;

1.10 Illi in vista tal-premess, u tal-Avviz Legali 13 tal-2001 kif emendat bl-Avviz Legali 3 tal-2002, il-Kummissjoni rikorrenti, kif dovut, irreferiet il-kaz taghha lil din il-qorti *ai termini* tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Procedura ghall-Investigazzjoni ta’ Ilmenti u konsegwentement talbet lil qorti biex:

1.10.1. Tiddikjara li l-intimati huma hatja ta’ diskriminazzjoni *ai termini* tal-artiklu 12 tal-Kap 413 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.10.2. Tiprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex jipprovdi access *ai termini* tal-Ligi fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira, u jipprovdi facilitajiet sanitarji adegwati ghall-persuni b’dizabilita` fizika fl-“*Outpatients Department*” u fl-“*Emergency Department*” ta’ l-Isptar San Luqa;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Generali tas-Sahha datata t-12 ta’ Lulju, 2005, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

2.1. Illi rigward ic-Centru tas-Sahha tal-Gzira jinghad li dan jinsab ghand il-Gvern b’titolu ta’ kera;

2.2. Ili d-Dipartiment tas-Sahha ghamel diversi tentattivi biex jikseb il-permess tas-sidien biex jinstalla *lift* fil-fond fejn jinsab l-imsemmi centru, izda s-sidien oggezzjonaw;

2.3. Illi f’dan ir-rigward l-apparat tal-*lift* ilu mixtri diversi snin u issa gie certifikat li mhux aktar tajjeb ghall-uzu;

2.4. Illi m’hemmx fondi finanzjarji li jistghu jigu allokati biex jinxtara apparat gdid;

2.5. Illi l-Gvern ghalhekk jinsab fl-impossibilita` materjali li jissodisfa l-pretensjoni tal-Kummissjoni;

2.6. Illi rigward l-isptar San Luqa, ix-xoghlijiet necessarji twettqu fid-Dipartiment tal-Emergenza u tal-Ortopedija, u l-istess Kummissjoni kienet infurmata b'dan fl-14 ta' Settembru, 2001;

2.7. Illi wara studju appozitu mid-Dipartiment tas-Sahha kien deciz li l-ilment tal-Kummissjoni rikorrenti ma kienx gustifikat jew prattikabbli stante l-inkonvenjent li kien ser johloq lill-pazjenti rikoverati fis-sulari tad-Dipartiment tal-Ortopedija;

2.8. Illi l-Gvern hass li ma kienx hemm ghalfejn issir spiza finanzjarja konsiderevoli meta kienet tezisti accessibilita`;

2.9. Illi rigward il-proposta tal-Kummissjoni rikorrenti li l-vertenza tigi rizolta permezz t'arbitragg l-istess Kummissjoni kienet infurmata li kienu qed isiru tentattivi biex jigi ottenut il-permess tas-sidien ghall-istallazzjoni tal-lift in dizamina;

2.10. Illi ghalhekk jitlob li din il-qorti:

2.10.1. Tichad it-talbiet tar-rikorrenti;

2.10.2. Tiddikjara li *ai termini* tal-artiklu 20 tal-Kap 413, l-intimat Direttur Generali mhux hati ta' diskriminazzjoni;

3. Rat ir-rikors tal-intimat fuq indikat datat it-12 ta' Lulju, 2005, li permezz tieghu talab ghall-kjamata in kawza tal-persuni hemm indikati, (ara fol 9);

4. Rat ir-risposta tar-rikorrenti fir-rigward tat-talba kontenuta fil-paragrafu precedenti datata t-2 t'Awwissu, 2005, (ara fol 12);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 t'Awwissu, 2005, li permezz taghha laqghet it-talba *de quo* u ordnat il-kjamata in kawza tal-persuni indikati fl-istess rikors ghal dan il-ghan fuq riferit, (ara fol 13);

6.0. Rat ir-risposta guramentata tal-kjamati in kawza datata s-26 t'April, 2006, li permezz taghha wiegbu sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

6.2. Illi ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda;

6.3. Illi l-ispejjez tal-procedura ghandha tbatihom il-Kummissjoni rikorrenti;

6.4. Illi t-talba ghall-lift fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira hi insostenibbli stante li ma taqax taht l-obbligi li ghandhom bhala sidien;

6.5. Illi t-talba ghall-*lift* tikkonsisti fi spiza ta' natura straordinarja li m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghaliha huma;

6.6. Illi ma jridux u joggezzjonaw li jsiru xoghlijiet ta' natura straordinarja fil-proprjeta` taghhom – anke jekk dan ma jsirx a spejjez taghhom;

6.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 t'April, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara fol 94) biex tisma' l-provi li kien ghad fadal;

8. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat is-27 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu laqghet ir-rikors datat l-24 ta' Frar, 2012, ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju kif hemm mitlub, (ara fol 133 u 136);

9. Rat id-digriet taghha datat it-3 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti jipprezentaw is-sottomissjonijiet skritti taghhom fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 142);

10. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-intimat datata l-31 ta' Jannar, 2013, (ara fol 143) u dik ulterjuri datata l-5 ta' Marzu, 2013, (ara fol 159);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamati in kawza datata wkoll il-31 ta' Jannar, 2013, (ara fol 146), u dik ulterjuri datata t-30 ta' Mejju, 2013, (ara fol 161);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni rikorrenti datata t-22 ta' Frar, 2013, (ara fol 155);

13. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

14. Ezaminat ix-xhieda mismugha precedentement minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

15. Ezaminat ix-xhieda minnha mismugha;

16. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

17.1. Illi l-ilment originali rigwardanti l-inaccessibilita` riskontrata fic-Centru tas-Sahha il-Gzira datat il-11 ta' Lulju, 2001, kien sar mill-kunsill lokali tal-istess post lill-Ministru tal-Politika Socjali, (ara fol 43);

17.2. Illi l-imsemmi Ministru kien ghadda l-istess ilment lill-Kummissjoni rikorrenti permezz t'ittra datata t-18 ta' Lulju, 2001, (ara fol 42);

17.3. Illi l-Kummissjoni rikorrenti ghalhekk bdiet tempestivament tinvestiga l-vertenza u effettivament bdiet billi kitbet fir-rigward lid-Divizjoni tas-Sahha fl-20 ta' Lulju, 2001, (ara fol 44);

17.4. Illi d-Divizjoni indikata fil-paragrafu precedenti infurmat lill-Kummissjoni rikorrenti b'ittra datata s-6 t'Awwissu, 2001, li kellha l-intenzjoni tistalla l-*lift de quo* izda kienet imwaqqfa mis-sidien tac-Centru tas-Sahha involut, (ara fol 45);

17.5. Illi ghalkemm il-Kummissjoni rikorrenti talbet aktar informazzjoni fir-rigward, din qatt ma kienet mibghuta lilha, (ara fol 47 sa 50);

17.6. Illi permezz t'ittra datata l-25 ta' Marzu, 2002, (ara fol 51), id-Divizjoni *de quo* infurmat lill-Kummissjoni rikorrenti li s-sidien kienu talbu zieda fil-kera bhala kondizzjoni biex jaghtu l-kunsens taghhom ghall-istallazzjoni tal-*lift de quo*, liema talba kienet rifjutata;

17.7. Illi meta ma sar l-ebda progress ulterjuri fir-rigward, il-Kummissjoni rikorrenti kienet kostretta tintavola protest gudizzjarju kontra l-intimat Direttur Generali tas-Sahha datat l-20 ta' Jannar, 2003, (ara fol 58);

17.8. Illi f'laqgha bejn il-Kummissjoni rikorrenti u d-Divizjoni tas-Sahha datata l-4 ta' Frar, 2004, intlahaq qbil rigwardanti, fost affarijiet ohra, is-segwenti: (ara fol 69)

17.8.1. Illi fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira jigi stallat lift;

17.8.2. Illi d-Dipartiment tas-Sahha jibqa' jinsisti mas-sidien tal-fond in dizamina biex dawn jaghtu risposta minghajr dewmien;

17.8.3. Illi tigi esplorata l-possibilita` li jigu utilizzati kmamar ohra sitwati ma genb ic-Centru *de quo* li qieghdin f'idejn il-Korp tal-Pulizija;

17.8.4. Illi bil-ghan li jittaffa id-dizagg lill-persuni li jutilizzaw l-istess Centru, xi servizzi jigu trasferiti f'lokalita` fil-qrib;

17.9. Illi nonostante l-intenzjonijiet piji fuq riferiti, fil-konkret ma gie riskontrat l-ebda progress u konsegwentement il-Kummissjoni rikorrenti kienet kostretta tintavola protest

gudizzjarju iehor fir-rigward, datat l-14 t'April, 2005, (ara fol 81);

17.10. Illi fid-29 ta' Marzu, 2006, intlahaq ftehim bejn l-istess rikorrenti u intimati dwar l-Isptar San Luqa, (ara fol 41);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi skont is-*Senior Medical Officer* prodott in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-Gvern ha decizjoni li jibni centru tas-Sahha gdid konformi mal-ligijiet vigenti li ser ikun qrib dak prezenti fil-Gzira, (ara fol 139), hdejn Zammit Clapp;

18.2. Illi dak allegat fil-paragrafu precedenti hu ta' dominju pubbliku, (ara fol 139);

18.3. Illi rigward il-persuni b'dizabilita` li jirrikorru ghac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, l-istess *Senior Medical Officer* fuq riferit jghid:

" … illi dawn jistghu jaghmlu uzu mill-istess servizzi mill-*Health Centre* tal-Furjana u dawk il-pazjenti li huma dokumentati bil-*yellow sticker* li jridu jaghmlu uzu mis-servizz offrut fil-*Gzira Health Centre* tramite appuntament jintbaghtilhom transport apposta u jittiehdu l-*Furjana Health Centre*, (ara fol 139);

18.4. Illi jidher li qed isir sforz personali mill-persuni impjegati fl-imsemmi Centru, li jinzlu isfel fil-pjan terren biex jaghtu s-servizzi taghhom lill-persuni b'dizabilita`, (ara fol 139);

18.5. Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-*lift* ghac-Centru *de quo* kien inxtara izda inzamm f'garaxx privat, (ara fol 140);

18.6. Illi minhabba l-inattivita` riskontrata tul dawn is-snin kollha il-*lift* gie dikjarat li ma kienx aktar tajjeb ghall-uzu, (ara fol 140);

18.7. Illi l-izvilupp indikat ghal Zammit Clapp ghadu fil-fazi ta' diskussjoni bejn dawk kollha interessati, (ara fol 140);

18.8. Illi in effetti lanqas applikazzjoni lill-MEPA m'ghadha saret fir-rigward, (ara fol 140);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi tenut kont tar-rizultanzi fattwali fuq sintetikament esposti is-segwenti ghandu jkun pacifiku:

19.1. Illi l-parti l-kbira tal-provi prodotti jindirizzaw ic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

19.2. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrenti koncernanti l-Isptar San Luqa ghandu jinghad:

19.2.1. Illi hu pacifiku li l-imsemmi Sptar m'ghadux jigi wtilizzat b'dik l-intensita` riskontrata fl-2001 u l-2005 meta gew intavolati l-protesti gudizzjarji fuq riferiti u giet ukoll intavolata l-kawza odjerna;

19.2.2. Illi *di piu`*, jirrizulta mix-xhieda tad-Direttur Ezekuttiv tal-Kummissjoni rikorrenti li fir-rigward tal-isptar San Luqa jafferma fl-affidavit tieghu li kien "intlahaq ftehim" bejn l-istess Kummissjoni u d-Direttur intimat, (ara fol 41);

19.2.3. Illi konsegwentement filwaqt li allura tillibera lid-Direttur intimat mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-procedura rigwardanti l-Isptar indikat fil-paragrafu precedenti;

19.2.4. Illi ghalhekk l-ispejjez konnessi mal-kap *de quo* ghandhom jigu sopportati mill-Kummissjoni rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20. Illi ghalhekk issa l-vertenza hi ristretta ghac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

21. Illi in difiza tieghu fir-rigward l-intimati jirrikorri ghall-artiklu 20 tal-Kap 413 rigwardanti r-ragonevolezza rikjesta f'talbiet simili;

22.0. Illi fir-rigward ghandu jinghad illi tali difiza ma tixraqx lill-intimat stante li jirrizulta fattwalment assodat:

22.1. Illi kien ilu diversi snin, sahansitra anke mill-1985, (ara fol 140), li kien jaf bil-problema, liema perjodu addirittura anke jipprecedi t-twaqqif tal-istess Kummissjoni rikorrenti li twaqqfet biss bis-sahha ta' ligi tal-10 ta' Frar, 2000;

22.2. Illi sahansitra jirrizulta li mhux talli kien qabel mal-lanjanza sollevata mill-Kummissjoni rikorrenti izda li effettivament kien anke xtara *lift* adegwat ghall-mansjonijiet minnu rikjesti, li izda hallieh jiddeterjora is-snin f'garaxx sakemm gie eventwalment dikjarat li ma kienx aktar tajjeb ghall-uzu minnu indikat;

22.3. Illi ghandu jkun pacifiku li dan hawn riskontrat ma jammonta ghal xejn hlief ghall-amministrazzjoni mill-aghar tal-fondi pubblici li m'ghandux jigi tollerat;

22.4. Illi ghalhekk li d-Direttur intimat jirrikjama li "m'ghandux rizorsi finanzjarji" jew li "m'hemmx disponibilita` ta' ghotjiet ta' fondi pubblici" kif stabbilit fl-imsemmi artiklu 20 tal-Kap 413, ma jreggux;

22.5. Illi ghalhekk din il-qorti qed tirrespingi r-risposti kollha sollevati mid-Direttur intimat;

Ikkonsidrat:

23.0. Illi rigward il-kjamat in kawza jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi huma l-proprjetarji tal-fond fejn hemm ic-Centru tas-Sahha in dizamina;

23.2. Illi l-istess fond hu mikri lill-Gvern u originarjament kien jintuza bhala Ghassa tal-Pulziija;

23.3. Illi jirrizulta li nonostante l-oppozizzjoni kollha espressa mill-kjamati in kawza fir-rigward tal-*lift de quo* kien biss ghaliex ma intlahaqx ftehim fuq il-*canone* minnhom pretiz li baqghu jostinaw ruhhom fir-rigward;

23.4. Illi ghalhekk ma tirrizulta l-ebda oppozizzjoni sinciera ghall-*lift de quo* hlief li uzaw l-istess bhala pedina fl-iskakkjera tan-negozjati biex jottjenu *canone* aktar fruttiferu;

Ikkonsidrat:

24. Illi ghalhekk l-oppozizzjoni tal-kjamati in kawza hi biss ibbazata fuq raguni kummercjali li mhix wahda mir-ragunijiet rikonoxxuti biex tigi ezaminata ir-ragonevolezza rikjesta mill-artiklu 20 tal-istess Kap 413;

Ikkonsidrat:

25. Illi in vista tal-analizi fuq sintetikament espost, din il-qorti tqis li l-Kummissjoni rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi t-talbiet l-ohra kollha rimanenti kif sollevati mid-Direttur Generali tas-Sahha intimat, u mill-kjamati in kawza, takkolji t-talbiet tal-Kummissjoni rikorrenti u:

25.1. Tiddikjara li l-intimat Direttur u l-kjamati in kawza fuq riferiti huma hatja ta’ diskriminazzjoni *ai termini* tal-artiklu 12 tal-Kap 413 tal-Ligijiet ta’ Malta;

25.2. Tordna li l-intimat u l-kjamati in kawza ghandhom jezegwixxu x-xoghlijiet kollha necessarji biex jipprovdu access *ai termini* tal-Ligi fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira fuq indikat, u dan, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum;

25.3. Bl-ispejjez rimanenti kontra l-intimat Direttur u l-kjamati in kawza fi kwoti indaqs.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------